**QORTI KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 1**

**Rikors Kostituzzjonali numru: 114/2022/1 ISB**

**Mary Grech; u b'dikriet tal-4 ta' Lulju 2024 il-kawża tkompliet f'isem Ever Grech u Ivan Grech Mintoff wara l-mewt ta' Mary Grech**

**v.**

**Avukat tal-Istat;**

**Edith Cachia, Lilian Wismayer, Edwin Mintoff, Anne McKenna personalment u f'isem Melida Frendo mart David Frendo u f'isem Lorenza Doe mart Leslie Doe, Yana Bland Mintoff, Mary Anne Carbonaro, Daniel Mintoff, Christopher Mintoff, Stephanie Mintoff, Josephine Mintoff,**

**Marcelle Mangion;**

***FLM Developers Limited* (C-47192)**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li, wara li laqgħet eċċezzjoni ta' *res iudicata*, qatgħet il-kawża billi "tiddikjara r-rikors promotur bħala improponibbli u konsegwentament, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti". Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-konvenuti tallum ħlief l-Avukat tal-Istat u *FLM Developers Ltd* ["il-komproprjetarji"] fetħu kawża taħt l-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili[1] fl-ismijiet Edith Cachia *et v.* Mary Grech (rikors maħluf numru 349/2016) kontra l-attriċi tallum biex jitolbu illi l-qorti tawtorizza l-bejgħ ta' proprjetajiet immobbli komuni bejnhom u l-attriċi tallum. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba b'sentenza tal-15 ta' Lulju 2021. L-attriċi tallum (konvenuta f'dik il-kawża) appellat. Il-Qorti tal-Appell fil-konsiderazzjonijiet tagħha osservat illi:

> »12. Il-konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tagħha jissejjes fuq tliet aggravji:
>
> »(I) il-qorti kienet żbaljata meta ma qisitx li l-azzjoni tar-rikorrenti kienet improponibbli billi tnejn mill-elementi (u *cioè* li ebda sid ma jkun beda proċeduri għall-qsim tal-proprjetà u li jkun hemm nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgħ tal-proprjetà) kienu neqsin;
>
> »(II) il-qorti kienet żbaljat meta ma qisitx li l-azzjoni kienet intempestiva, għaliex kien hemm ftehim bonarju għall-qsim tal-wirt u għaliex kien hemm negozjati wkoll għaddejjin sabiex il-wirt jiġi maqsum bonarjament;
>
> »(III) il-qorti kienet żbaljata meta ma qisitx li hija ser tkun gravament preġudikata«

[1] »Meta l-komproprjetarji ma jaqblux fuq il-bejgħ ta' xi ħaġa li tkun miżmuma in komun«

3. Imbagħad, wara li qieset dawn l-aggravji, il-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar 2022 ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata.

4. Issa, fil-kawża tallum, l-attriċi qiegħda tgħid:

> »illi, fost l-aggravji rispettivi li kienet qajmet l-esponenti appellanti, ikkonkorrew uħud ta' natura kostituzzjonali fejn l-esponenti proprju lmentat mill-fatt illi kienu ser jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħha, senjatament dak sanċit taħt il-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan b'konsegwenza tal-bejgħ li awtorizzat l-ewwel qorti.«

5. Kompliet tgħid:

> »illi qabel is-smigħ tal-appell surriferit, li eventwalment ġie miċħud fil-mertu, ir-rikorrenti kienet addirittura ressqet rikors fejn talbet referenza kostituzzjonali in linea ta' wieħed mill-aggravji li hija qajmet u li permezz tiegħu argumentat illi:
>
> > »il-propjetajiet in kwistjoni qegħdin jittieħdu mingħand l-esponenti skont il-liġi, iżda mhux fl-interess pubbliku iżda fl-interess speċifiku ta' individwi, u *cioè* r-rikorrenti. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedmen ma tikkontemplax bħala eċċezzjoni għar-regola li proprjetà tista' tittieħed mis-sid fl-interess ta' persuna privata u għalhekk huwa sottomess illi bil-bejgħ kif propost, kontra r-rieda tal-esponenti, id-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà ser jiġi leż.
>
> «Madanakollu, it-talba għal referenza kostituzzjonali tantieħor ġiet miċħuda u proprju għalhekk, ir-rikorrenti għażlet li tirrikorri għal dawn il-proċeduri sabiex tfittex rimedju għal vjolazzjoni li hija qed iġġarrab b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi abbażi tiegħu hija ser tisfa imċaħħda mid-drittijiet li tgawdi fuq il-proprjetà mertu tal-proċeduri msemmija, *qua* ko-proprjetarja tal-istess. … … …«

6. Fil-provvediment tal-1 ta' Frar 2022 u l-Qorti tal-Appell fissret hekk ir-raġunijiet għala ma laqgħetx it-talba għal referenza kostituzzjonali:

> »5. Il-konvenuta tibbaża t-talba tagħha għal referenza kostituzzjonali fuq tliet binarji: (i) li l-ewwel qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li hija ser tbati preġudizzju gravi jekk tinbigħ il-proprjetà mertu ta' din il-kawża, (ii) li l-bejgħ tal-istess proprjetà huwa leżiv tad-dritt tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà għaliex il-bejgħ mhuwiex qiegħed fl-interess pubbliku iżda biss fl-interess tal-atturi u (iii) li l-partijiet kienu kkon-kludew ftehim privat fuq kif għandhom jinqasmu l-beni tal-wirt li ħoloq

aspettativa leġittima li hija tkompli tgħix fil-proprjetà mertu ta' din il-kawża u li din l-aspettativa leġittima tikkostitwixxi possediment tutel-abbli mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni li hija ser tiġi mċaħħda minnha mingħajr kumpens xieraq jekk isir il-bejgħ.

»6. Il-qorti tqis li t-talba tal-konvenuta hija manifestament frivola u vessatorja safejn titratta l-ilment tagħha li l-ewwel qorti ma kkonsidratx li l-bejgħ tal-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri tikkawżalha pre-ġudizzju gravi. Qari tas-sentenza appellata juri li fil-fatt l-ewwel qorti eżaminat l-oġġezzjoni mressqa mill-konvenuta li dan il-bejgħ allegata-ment ser jikkawżalha preġudizzju [*sc.* mhux] xieraq. Fil-fatt parti mill-appell preżentat mill-konvenuta jitratta proprju l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel qorti fuq dan il-punt. Il-qorti tirrileva li l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali mhumiex qrati tat-tielet istanza u għalhekk il-korrettezza *o meno* tar-raġunament tal-ewwel qorti mhijiex kwistjoni sindikabbli minnhom. Il-korrettezza tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel qorti dwar jekk il-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet jikkawżax preġudizzju gravi lill-konvenuta taqa' purament taħt il-mansjonijiet ta' din il-qorti u mhux tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, u għaldaq-stant it-talba tal-konvenuta ma tistax tiġi milqugħa fuq din il-bażi.

»7. Din il-qorti imbagħad tqis l-argument tal-konvenuta li dan il-bejgħ ma jservix l-interess pubbliku iżda biss l-interess ekonomiku privat tal-atturi bħala manifestament frivolu u vessatorju. Mhuwiex meħtieġ li kull bejgħ ta' proprjetà li jsir permezz tal-proċedura kkontemplata f'dan l-artikolu jkun iservi lill-pubbliku in ġenerali. Dak li huwa meħtieġ huwa li l-proċedura nnifisha tkun ġiet promulgata fl-interess pubbliku. Ma hemmx dubbju li dan l-artikolu ma ġiex promulgat b'mod speċifiku sabiex jindirizza s-sitwazzjoni tal-partijiet f'din il-kawża, biex l-atturi jkunu jistgħu jgħaddu għall-bejgħ tal-proprjetà li għandhom in komuni mal-konvenuta. Din il-proċedura ġiet maħluqa mil-leġislatur sabiex komproprjetarji li jkunu jridu jtemmu l-istat ta' komproprjetà tagħhom ikollhom rimedju adegwat fejn minoranza tal-komproprjetarji ma jkunux iridu jbigħu l-istess proprjetà. Għalhekk huwa immedjatament ovvju li din il-proċedura hija intiża sabiex isservi l-interess ġenerali. Il-fatt waħdu illi l-atturi ser jibbenefikaw ekonomikament mill-bejgħ ma jfissirx li l-bejgħ huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tal-konvenuta li wkoll ser tirċievi sehemha mill-bejgħ. Il-qorti tosserva li l-konvenuta ma til-mentax li b'din il-proċedura l-istat ma laħaqx il-proporzjonalità meħtieġa bejn l-interess tal-maġġoranza tas-sidien u l-interess tal-minoranza.

»8. Fit-tielet argument tagħha l-konvenuta tgħid li hija għandha aspettativa leġittima tutelabbli għaliex il-partijiet iffirmaw ftehim dwar kif għandu jinqasam il-wirt in kwistjoni. Però, kif sewwa josservaw l-atturi, il-konvenuta m'għamlet użu minn ebda rimedju ordinarju dispon-ibbli lilha sabiex tenforza dan il-ftehim. Il-liġi tipprovdi rimedju 'ordinarju' fejjiedi fis-sura ta' azzjoni lill-partijiet fi ftehim sabiex l-istess ftehim jiġi enforzat u l-partijiet jiġu ordnati jadempixxu għall-obbligi li huma volontarjament assumew fih. *Inoltre*, il-qorti tosserva li mhux talli l-konvenuta ma qajjmitx din il-kwistjoni quddiem l-ewwel qorti talli fl-eċċezzjonijiet tagħha qalet li l-partijiet kienu għadhom għaddejjin bi trattattivi sabiex jaslu għall-ftehim bonarju dwar id-diviżjoni tal-assi miżmumin in komunjoni bejn il-partijiet. Għalhekk kwalunkwe kwistjoni dwar allegata aspettattiva leġittima baqgħet kwistjoni purament privata bejn il-partijiet u mhux kwistjoni kostituzzjonali li għaliha jirrispondi l-

istat, ġaladarba kienet il-konvenuta stess li għażlet li ma titlobx it-tutela tal-istat ta' din l-allegata aspettattiva leġittima bl-użu tar-rimedji ordinarji li l-leġislatur poġġa għad-dispożizzjoni tagħha u / jew bis-sottomissjoni ta' din il-kwistjoni quddiem l-ewwel qorti għall-ġudizzju.

»9. Għalhekk din il-qorti hija tal-fehma illi t-talba tal-konvenuta għal referenza kostituzzjonali hija manifestament frivola u vessatorja.

»Għalhekk din il-qorti tqis illi t-talba għal referenza kostituzzjonali tal-konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi hi frivola u vessatorja u qed tiċħadha, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta rikorrenti.«

7. Billi dehrilha li ma humiex jitħarsu l-jeddijiet fundamentali tagħha l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

»i. tiddikjara illi l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili hija [*sic*] vjolattiva tad-drittijiet tal-esponenti protetti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea …;

»ii. tiddikjara li l-fatti suesposti jammontaw għal vjolazzjoni tad-drittijiet proprjetarji tal-esponenti protetti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

»iii. tiddikjara għalhekk illi l-bejgħ (tal-proprjetà in mertu) a tenur tal-artikolu 495A … bejn il-partijiet (ħlief għall-Avukat tal-Istat) ser ikun in vjolazzjoni tad-dritt tal-esponenti protett taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea …;

»iv. tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Edith Cachia *et v.* Mary Grech</u>, rikors numru 346/2016, deċiża fl-1 ta' Frar 2022, kif ukoll is-sentenza fi prim'istanza fl-istess ismijiet, rikors numru 346/2016 deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2021;

»v. konsegwentament, jekk kemm-il darba il-bejgħ ikun sar meta din il-qorti tiġi biex tagħti deċiżjoni, tannulla u tirrexxindi l-istess kuntratt ta' bejgħ u tordna lill-intimati (ħlief għall-Avukat tal-Istat u x-xerrej prospettiv intimat) ibigħu l-proprjetà 5 u 6 … lir-rikorrenti għall-istess prezz illi kienet ser tixtri t-terza persuna;

»vi. tillikwida ammont ta' kumpens rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjoni imsemmija;

»vii. tikkundanna lliII-Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens hekk illikwidat;

»viii. tagħti kull ordni u provvediment li jidrilha li huwa xieraq u opportun.«

8. Il-konvenuti komproprjetarji ressqu din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»2. (i) in linea preliminari, jiġi rilevat li fl-atti tar-rikors numru 349/2016 tal-1 ta' Frar 2020 l-Qorti tal-Appell fl-istess ġurnata li tat id-deċiżjoni tat deċiżjoni oħra li fiha ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal referenza kostituzzjonali fuq l-istess binarju li qed tagħmel dawn il-proceduri. … … …

»Għalhekk ġaladarba din it-talba ġiet miċħuda u kunsidrata bħala vessatorja minn l-istess Qorti tal-Appell din il-qorti ma tistax tħalli lir-

> rikorrenti tinqeda b'dawn il-proċeduri *stante* li t-talba tagħha hija *res judicata* ġaladarba l-Qorti tal-Appell kienet ċaħditilha t-talba tagħha għal referenza kostituzzjonali fir-rigward. Difatti f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti mhix titlob li d-dikriet li permezz tiegħu ċaħditilha t-talba għar-referenza kostituzzjonali jiġi dikjarat null.«

9. Il-konvenuta *FLM Developers Limited* ressqet din l-eċċezzjoni fost oħrajn:

> »2. Ir-rikorrenti diġà qajmet l-istess ilment, dwar ksur tad-drittijiet tagħha protetti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protkoll tal-Konvenzjoni Ewropea flimkien ma' ilment dwar ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha protett taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjonali ta' Malta, quddiem il-Qorti tal-Appell fil-proċeduri tal-ismijiet Edith Cachia *et v.* Mary Grech (rikors numru 346/2016) fejn essenzjalment ressqet l-istess oġġezz-jonijiet dwar l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili u talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex, fit-termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tibgħat il-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, biex tiddeċiedi l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tagħha. Il-Qorti tal-Appell, b'dikriet tal-1 ta' Frar 2022, iddeċidiet li dik it-talba għal referenza kostituzzjonali kienet waħda frivola u vessatorja u ċaħditha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Din id-deċiżjoni ma hemmx appell minnha (artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea).
>
> »L-intenzjoni tal-leġislatur, meta fassal dawn id-disposizzjonijiet, kienet li, ladarba l-qorti tiddikjara xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", ma jkunx hemm dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni. Dan iwassal sabiex, bħala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni li xi talba jew kwistjoni li tkun li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostaklu għal xi forma ta' appell. Din id-disposizzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku.«

10. L-ewwel qorti laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet, iddikjarat ir-rikors tal-attriċi "improponibbli" u ċaħdet it-talbiet tagħha għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »F'għajnejn il-qorti huwa ċar … illi dak li r-rikorrenti trid illi jiġi diskuss u deċiż hawnekk bil-kawża minnha hawnhekk proposta huwa fis-sustanza identiku għal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru fil-kawza 349/2016/1.
>
> »Il-qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-qorti … fl-ismijiet Anthony P. Farrugia *v. Financial Intelligence Analysis Unit et*, deċiża fis-17 t'Ottubru 2022 fejn il-qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Alfred Attard *v.* Avukat Ġenerali deċiża fis-6 ta' Mejju 1992, u kkonkludiet is-segwenti:
>
>> »"Din is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'qorti li ma tkunx il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista' jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim' Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża u titlob referenza għal din il-qorti. Jekk il-qorti li tkun

> tisma' l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment jew intrinsikament konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħda tappella mid-deċiżjoni tal-qorti ordinjarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja."

»Fil-fatt id-deċiżjoni fuq ċitata fl-ismijiet <u>Alfred Attard *v.* Avukat Ġenerali</u> tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Nicholas Ellul *v.* Kummissarju tal-Pulizija</u> deċiża fit-22 ta' Mejju 1991 u fejn il-qorti kkonkludiet:

> »"(a) Kull meta f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, xi waħda mill-partijiet jidhrilha li tirrikorri xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-parti tista': -
>
> »"(i) tagħmel rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;
>
> »"(ii) tqanqal il-kwistjoni quddiem il-qorti fejn ikunu għaddejjin il-proċeduri u titlob lil dik il-qorti biex tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;
>
> »"(b) Jekk u meta l-ewwel qorti tiċħad ir-riferenza għaliex il-kwistjoni mqanqla tirriżulta sempliċiment frivola u / jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrokorri għall-proċedura tar-rikors sabiex, fuq l-istess mertu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-deċiżjoni li l-kwistjoni hija frivola u / jew vessatorja;
>
> »"(ċ) L-ewwel qorti hija obbligata li tirrispetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni b'mod illi tali kwistjoni sollevata quddiemha għandha tiġi riżolta mhux minn dik il-qorti imma mill-organi li għandhom dik il-ġurisdizzjoni – ħlief meta dik l-ewwel qorti tqis li l-kwistjoni sollevata hija sempliċiment frivola u vessatorja."

»Din il-qorti m'għandha xejn xi żżid mal-insenjament tal-qrati taghna kif fuq ċitat, ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk la darba stabbilit illi dak li r-rikorrenti trid illi jiġi diskuss u deċiż hawnekk bil-kawża minnha hawnekk proposta huwa fis-sustanza identiku għal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru fil-kawza 349/2016, allura l-eċċezzjonijiet numru 2(i) tal-risposta tal-intimati Edith Cachia *et* (*eccetto* l-Avukut tal-Istat u *FLM Developers Limited*) u l-eċċezzjoni numru (2) tar-risposta ta' *FLM Developers Limited* ghandhom mis-sewwa, u l-qorti tqis illi hija għandha tilqa' l-istess eccezzjonijiet, u, in kwantu illi l-azzjoni proposta quddiem din il-qorti qed titqies improponibbli, hija ser tastjeni milli tiddeċiedi dwar il-bqija tal-vertenza, inkluż mill-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra illi din is-sentenza kellha tittratta.

»Għaldaqstant għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-qorti qiegħda ssib illi r-rikorrenti ressqet azzjoni improponibbli u b'hekk tghaddi biex:

»1. tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati Edith Cachia *et* numerata 2(i) fir-risposta taghhom u l-eċċezzjoni numru 2 tas-soċjetà intimata *FLM Developers Limited* kif kontenuta fir-risposta taghha;

»2. tiddikjara r-rikors promotur bhala improponibbli u konsegwentement, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

»L-ispejjeż li jkunu a karigu tar-rikorrenti.«

11. L-attriċi appellat b'rikors tas-6 ta' Frar 2023 li għalih wieġeb biss l-Avukat tal-Istat fis-6 ta' Frar 2024.

12. L-attriċi fissret l-ewwel aggravju hekk:

> »Dwar l-ewwel aggravju – li l-ewwel qorti naqset milli tikkonsidra li l-argument miġjub f'din il-kawża huwa kompletament differenti għal dak li fuqu ġiet ibbażata t-talba għal referenza kostituzzjonali
>
> »… … … il-binarju li fuqu hija msejsa din il-kawża huwa wieħed distint u differenti mill-argumenti li fuqhom ġiet ibbażata t-talba għal referenza kostituzzjonali. Dan jingħad għaliex, filwaqt illi t-talba għal referenza kostituzzjonali saret purament abbażi tal-fatt illi l-artikolu 495A ma kienx fl-interess pubbiku, b'din il-kawża l-esponenti qegħda sostni illi l-istat Malti naqas milli joħloq u jattwa miżura, li *del resto* setgħet tiġi faċilment applikata u li kienet tkun ta' ferm inqas preġudizzju għas-sidien fil-minoranza, u *cioè* li jipprovdi għal *pre-emption rights* lis-sidien illi jixtiequ jżommu l-proprjetà in kwistjoni sabiex b'hekk kemm id-drittijiet talmaġġoranza tas-sidien u kif ukoll id-drittijiet tal-minoranza jkunu rispettati.
>
> »Likieku l-liġi kienet tipprovdi għal *pre-emption rights* favur is-sidien fil-minoranza, hekk allura meta l-maġġoranza tkun trid tbigħ (bħalma ġara fil-każ in diżamina, id-drittijiet ta' kull sid kienu jiġu debitament rispettati u dan għaliex min kellu xewqa li jbigħ kien xorta waħda jbigħ, filwaqt li min xtaq iżomm il-proprjetà kien ikollu l-għażla li jżommha. Dik, mingħajr ombra ta' dubbju, kienet tkun il-miżura tal-inqas interferenza u, skont ir-rikorrenti appellanta, l-istat naqas fl-obbligi tiegħu meta ma pprovdiex dan ir-rimedju. Għalhekk kien hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-għan tal-liġi u bejn id-drittijiet tas-sidien kollha u l-effett tagħha – liema sproporzjonalità twassal għal vjolazzjoni ċara u ampja tad-dritt fondamentali tal-esponenti.
>
> »Huwa sottomess illi dan l-argument qatt ma tressaq quddiem qorti oħra u għalhekk wisq aktar qatt ma ġie mistħarreġ. Difatti, bil-proċeduri in prim' istanza l-esponenti kienet qiegħda titlob lill-ewwel qorti tagħmel dan l-istħarriġ hi stess. L-esponenti tirrileva li fid-dawl tal-obbligu tal-istat illi jipprovdi aċċess għall-qorti lill-individwi (l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea), kif ukoll illi jipprovdi rimedju effettiv għall-ilmenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali (l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea), l-ewwel qorti ma messhiex iddeċidiet illi ma tismax l-ilment tar-rikorrenti fil-mertu u dan aktar u aktar meta ma hemm xejn la fil-Kostituzzjoni u anqas fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li vittma ma tistax tagħmel kawża kostituzzjonali jekk diġà tkun saret talba għal referenza kostituzzjonali f'kawża u tali referenza tkun ġiet miċħuda. L-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap. 319 ma huma kwalifikati b'ebda mod, u jipprovdu biss illi kull min jilmenta bi vjolazzjoni kostituzzjonali li saret jew li x'aktarx ser issir jista' jagħmel rikors fil-Prim'Awla sabiex jitlob rimedju.
>
> »Għalhekk, billi l-binarji li fuqhom ġiet imsejsa din il-kawża huma differenti minn dawk illi fuqhom issejset ir-referenza kostituzzjonali *de quo*, huwa ċar illi dan mhuwiex appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u għalhekk, billi l-istess Qorti tal-Appell kienet qalet li t-talba tar-

rikorrenti għal referenza kostituzzjonali kif kienet impustata kienet frivola u vessatorja, dan ċertament ma jfissirx illi r-rikorrenti ma setgħetx tinvoka d-dritt tagħha ta' *individual petition* li għandha taħt l-artikolu 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 kif imsemmi.«

13. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellanti tgħid illi l-prim' istanza ma qisitx li l-argumenti tagħha fil-mertu … huma differenti minn dawk li saru fit-talba għal referenza kostituzzjonali. L-appellanti targumenta illi filwaqt illi t-talba għal referenza "saret purament abbażi tal-fatt illi l-srtikolu 495A ma kienx fl-interess pubbliku", fil-kawza odjerna ssostni li l-Istat Malti naqas milli jintroduċi miżuri fil-forma ta' *preemption rights* lis-sidien li jkunu f'minoranza.

»Dan l-aggravju ċertament ma jimmeritax li jintlaqa' u dan għar-raġunijiet hawn isfel imfissra:

»Jibda sabiex jingħad li t-talba għal referenza kostituzzjonali magħmula quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza <u>Edith Cachia *et v.* Mary Grech</u> (349/16) hija effitivament identika għat-talbiet fil-kawża odjerna, fejn in suċċint ried isir eżerċizzju sabiex jiġi stabillit jekk l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jivvjolax iddrittijiet fundamentali tal-appellanti kif sanċiti fl-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll.

»Fil-fatt permezz tar-referenza kostituzzjonali gie mitlub is-segwenti:

»(i) li l-ewwel qorti ma ħadiix in konsiderazzjoni l-fatt li hija ser tbati preġudizzju gravi jekk tinbigħ il-proprjetà mertu ta' din il-kawża;

»(ii) li l-bejgħ tal-istess proprjetà huwa leżiv tad-dritt tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà għaliex il-bejgħ mhuwiex qiegħed fi-interess pubbliku iżda biss fl-interess tal-atturi; u

»(iii) li l-partijiet kienu kkonkludew fiehim privat fuq kif għandhom jinqasmu l-beni tal-wirt li ħoloq aspettativa legittima li hija tkompli tgħix fil-proprjetà mertu ta' din il-kawża u li din l-aspettativa leġittima tikkostitwixxi possediment tutelabbli mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni li hija ser tigi mċaħħda minnha mingħajr kumpens xieraq jekk isir il-bejgħ.

»Jekk wieħed imbagħad iħares lejn it-talbiet fir-rikors promotur, mal-ewwel jintebaħ li r-rikorrenti *qua* appellanti qiegħda terġa' titlob li tingħata dikjarazzjoni li l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jivvjola d-drittijiet tagħha. Fil-premessi tar-rikors promotur effettivament jippremetti dak argumentat ukoll fl-istadju tat-talba għal referenza – *ossia* li l-bejgħ *sub hasta* jibbenefika lill-partijiet privati hawn appellati, u mhux l-interess generali, Magħdud ma' dan, fil-premessi tar-rikors promotur effettivament jippremetti dak argumentat ukoll fl-istadju tat-talba għal referenza – *ossia* l-kwistjoni tal-aspettativa leġittima tal-appellanti bbażat fuq ftehim privat. It-talbiet tal-appellanti fir-rikors promotur b'ebda mod ma jispeċifikaw għalfejn l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jitqies leżiv. Tenut kont dan hawn fuq premess, l-esponenti jirrileva li l-prim'istanza kienet korretta meta rriteniet li t-talbiet dikjaratorji kienu identiċi. Jekk dawn l-argumenti diġà tqiesu li huma frivoli u vessatorji, l-esponenti ma jarax kif l-istess argumenti jistgħu jerġgħu jiġu proposti. Wara kollox l-artikolu

> 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ma jwaqqafx lil sid sabiex jakkwista l-proprjetà hu.
>
> »Allura l-appellanti ma hiex korretta meta tgħid li l-binarji tal-kawża huma differenti rninn dawk tat-talba għal referenza, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.«

14. Effettivament il-meritu kemm tat-talba għal referenza kostituzzjonali u kemm tal-kawża tallum huwa dwar jekk l-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili huwiex bi ksur tal-jedd tal-attriċi għat-tgawdija ta' ħwejjiġha mħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Dritt-ijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, għalkemm it-talba għal referenza issemmi wkoll l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jħares l-istess jedd għat-tgawdija tal-proprjetà.

15. Li trid issa l-attriċi appellanti hu li jerġa' jitqies l-istess meritu għax issa ħasbet f'argumenti oħra li ma ressqithomx l-ewwel darba iżda trid tressaqhom issa għax fil-fehma tagħha jsaħħu r-raġunijiet tagħha.

16. Il-fatt iżda li hemm argumenti oħra – li setgħu tressqu iżda ma tressqux meta l-attriċi għamlet għall-ewwel darba t-talba tagħha – ma jfissirx li l-meritu ma baqax l-istess, u ladarba l-meritu huwa l-istess – *eadem res, eadem causa petendi, eædem personæ* – mela jintlaqat bl-eċċezzjoni ta' *res iudicata*.

17. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

18. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »Dwar it-tieni aggravju – l-ewwel qorti żbaljat meta ikkunsidrat illi l-Qorti tal-Appell iddeċidiet l-ilment tal-esponenti fil-mertu meta hija ċaħdet it-talba tagħha għal referenza kostituzzjonali bħala waħda frivola u vessatorja
>
> »B'żieda mal-ewwel aggravju tal-appellanti, u b'aċċenn ftit aktar miżgħud, huwa asserit illi din il-qorti għandha wkoll tieħu in kon-

siderazzjoni illi l-Qorti tal-Appell kienet qieset l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrenti biss fuq bażi *prima facie* u fil-fatt ħadet id-deċiżjoni aħħarija tagħha dwar ir-riferenza relattiva mingħajr ma semgħet lill-partijiet u addirittura mingħajr ma rċiviet jew xtarret xi provi f'dan ir-rigward.

»Hawnhekk għandu jigi kwalifikat illi, kif inhuwa ben risaput, meta qorti (li ma tkunx il-Prim' Awla) tieħu deċiżjoni fuq referenza kostituzzjonali, ma tkunx qed tiddeċiedi jekk l-ilment tal-persuna għandux mis-sewwa jew le. Dak li tkun qed tiddeċiedi huwa biss jekk l-ilment huwa rilevanti *ai fini* tad-deċiżjoni li għandha tieħu dik il-qorti.

»F'dan ir-rigward l-esponenti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut mill-Prof. G. Mifsud Bonnici fil-ktieb *Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms*:

> »"The use of the decisive formula 'merely frivolous and vexatious' by the First Hall is a determination of the merits of the application, while the use of it by any other court, except the Constitutional Court, is simply a decision that the question raised before it is procedurally irrelevant in, and to, the proceedings in which it is engaged.
>
> »"… … …
>
> »"Whatever and however the first court decides when the question is raised, that decision is always and in all cases limited to the question of the relevance or otherwise of the plea and it can never validly decide any question as to the merits of a fundamental right or liberty"

»U fl-aħħar mill-aħħar, fil-konklużjoni tal-kapitolu, igħid:

> »"The request for a reference in the first court does not exclude the prior, simultaneous or subsequent, filing of an application before the First Hall, provided that the application will not request, or imply, any remedy for the alleged violation of the fundamental right which involves the suspension of the proceedings in the First Court."

»B'hekk jingħad li l-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (dwar ir-referenza kostituzzjonali mitluba mill-appellanti) kien biss relevanti għal dak il-każ illi fih tqajmet il-kwistjoni li wasslet għat-talba għal referenza. Il-fatt jibqa' li l-każ qatt ma nstema' jew ġie deċiż fuq il-mertu u allura jikkonsegwi – u l-esponenti ġenwinament temmen – illi ma seta' jkun hemm ebda ostaklu għal din il-kawża.«

19. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»Għall-iskop tat-tieni aggravju, l-esponent jisfuġġilu fejn il-prim' istanza kkunsidrat illi l-Qorti tal-Appell iddeċidiet l-ilment tal-appellanti fil-mertu meta ċaħdet it-talba għal referenza kostituzzjonali.

»Jekk tassew l-osservazzjoni tal-esponent hija korretta, dan l-aggravju għandu jitqies bħala bla bażi.

»Jibqa' l-fatt, kif diġà ġie osservat mill-esponenti, illi dak mitlub illum f'din il-kawża diġà ġie eżaminat fit-talba għal referenza kostituzzjonali.«

20. Ċertament, asserzjonijiet dommatiċi qatt ma jieħdu post argument validu.

21. Iżda wkoll jekk dak li qiegħda tgħid l-attriċi appellanti huwa minnu, id-dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet li qiegħda tfittex hija maħsuba għall-għanijiet tal-kawża li fetħu kontrieha l-komproprjetarji – tant hu hekk illi fost it-talbiet fil-kawża tallum hemm dik biex il-qorti "tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Edith Cachia *et v.* Mary Grech, rikors numru 346/2016, deċiża fl-1 ta' Frar 2022, kif ukoll is-sentenza fi prim'istanza fl-istess ismijiet, rikors numru 346/2016 deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2021" – u ġà hemm deċiżjoni illi f'dak il-kuntest it-talba hija fiergħa.

22. Tassew illi s-setgħa li jagħtu deċiżjonijiet dwar drittijiet fundamentali hija ġeneralment imħollija f'idejn qrati ta' kompetenza kostituzzjonali, *viz.* il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali. Iżda l-Kostituzzjoni stess, fl-art. 46(3) u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] fl-art. 4(3) jagħtu lil qrati oħra s-setgħa li jiddeċiedu jekk "it-tqanqil tal-kwistjoni [*sc.* dwar il-ksur ta' dritt fondamentali] … tkunx sempliċement frivola jew vessatorja", u, ladarba l-liġi tagħtihom dik is-setgħa, id-deċiżjoni tagħhom tiswa u torbot. Li ma kienx hekk il-liġi kienet tippermetti d-duplikazzjoni ta' proċeduri dwar materja li ġà ġiet finalment meqjusa bħala frivola u vessatorja.

23. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

24. L-aħħar aggravju jgħid hekk:

> »Dwar it-tielet aggravju – l-ewwel qorti qieset il-każistika minnha kkwotata barra l-kuntest u mingħair ma kkunsidrat il-punti mqajma fl-ewwel żewġ aggravji, b'dan illi per konsegwenza l-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-qorti in prim' istanza kienu kompletament żbaljati

»Dwar it-tielet aggravju tagħha, l-esponenti tirritjeni opportun li *in primis* jiġi enfassizzat is-segwenti: fil-konsiderazzjonijet tagħha l-ewwel qorti kkwotat mis-sentenza Anthony P. Farrugia *v Financial Intelligence Analysis Unit et* deċiża mill-Prim'Awla fis-17 t'Ottubru 2022 u tgħid illi din is-sentenza tagħmel referenza għal sentenza oħra mogħtija fis-6 ta' Mejju 1992 fl-ismijiet Alfred Attard *v.* L-Avukat Ġenerali li min-naħa tagħha tagħmel referenza għas-sentenza ta' Nicholas Ellul *v.* Kummissarju tal-Pulizija deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Mejju 1991.

»L-esponenti tissottometti li l-ewwel qorti naqset milli tqis il-kuntest fattwali li fihom ingħataw is-sentenzi li hija stess ikkwotat. Minħabba f'hekk, l-ewwel qorti spiċċat strahet fuq kunsiderazzjonijiet illi ma kellhomx japplikaw għax-xenarju li kellha quddiemha. Fil-fatt, fil-kawża Anthony P. Farrugia *v. Financial Intelligence Analysis Unit et* – li għandu jingħad għadha *sub judice* għaliex hemm appell pendenti dwarha – dak li kien ittenta jagħmel ir-rikorrent huwa li, (i) wara li l-ewwel qorti kienet ċaħditlu talba għal referenza kostituzzjonali, u (ii) waqt illi kienu għadhom pendenti l-proċeduri fil-mertu, intavola rikors kostituzzjonali *ad hoc* fuq l-istess mertu, u talab illi l-qorti ordinarja tissoprasjedi sakemm tinstema' dik il-kawża, B'hekk il-proċedura mibdija permezz tar-rikors *ad hoc* verament ħadet il-forma ta' appell mid-dikriet tal-ewwel qorti għaliex ultimament din kellha l-istess effett. Dawn però mhumiex l-istess ċirkostanzi li kellha quddiemha l-ewwel qorti, għaliex meta ġiet intavolata din il-kawża, apparti li tittratta argument li qatt ma ġie sollevat quddiem il-Qorti tal-Appell, il-kawża fil-mertu kienet diġà deċiża konklussivament u l-esponenti għalhekk ma segħtet qatt tfittex illi twaqqaf dawk il-proċeduri sakemm tinstema' din il-[*sc.* kawża].

»… … … jidher illi wkoll fis-sentenza ta' Nicholas Ellul *v.* Kummissarju tal-Pulizija, il-kawża *ad hoc* saret waqt illi kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri fil-mertu. F'dik il-kawża, xorta waħda, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ċar u tond illi:

> »"L-artikolu [46 tal-Kostituzzjoni) jistabilixxi l-ġurisdizzjoni oriġiniali tal-Prim'Awla li tisma' każijiet dwar id-drittijiet fundamentali ad esklużjoni ta' kull qorti oħra. Is-subinċiż (3) jipprovdi xi proċedura għandha ssegwi qorti oħra li quddiemha tqum kwistjoni simili u tassigura li tali kwistjoni tiġi dejjem riferita lill-Prim'Awla, salv fejn jiġi determinat illi l-kwistjoni tkun 'sempliċiment'" frivola u vessatorja. Jingħata risalt lill-kelma 'sempliċiment' li tindika li mhux biżżejjed illi l-kwistjoni jew l-ilment ikunu 'frivoli' u 'vessatorji'. Iridu jkunu hekk biss u xejn aktar minn hekk. Jekk, apparti l-frivolosità u l-vessatorjità, iqum xi aspett li ma jistax jiġi hekk kwalifikat, l-ewwel qorti hi fid-dover li tagħmel ir-riferenza lill-Prim'Awla."

»Huwa osservat mir-rikorrenti appellanti li l-Qorti tal-Appell ma qalitx illi l-kwistjoni mqajma minnha (għalkemm differenti minn dik imqajma llum) hija 'sempliċiment' frivola u vessatorja, u għaldaqstant, anke jekk għalhekk biss, jidher illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili xorta waħda kellha l-ġurisdizzjoni tisma' l-ilment tal-esponenti. Anzi, kuntrarjament, u kif gà enfasizzat l-appellanti aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Appell kienet kjarament sostniet illi 't-talba għal referenza Kostituzzjonali tal-konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi hi frivola u vessatorja u qed tiċħadha, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta rikorrenti.«

25. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

> »Għall-iskop tat-tielet aggravju, l-esponent ma jarax li l-ġurisprudenza ċitata mill-prim' istanza ġiet ikkwotata barra mill-kuntest, kif allegat mill-appellanti, u lanqas ma jaqbel li l-konsiderazzjonijiet tagħha kienu żbaljati.
>
> »L-esponent jirrileva illi permezz tad-dikriet tal-1 ta' Frar 2022 il-Qorti tal-Appell diġà ppronunzjat ruħha fuq talba għal referenza abbażi tal-istess indoli kostituzzjonali li qegħdin jitqajjmu permezz tal-proċeduri odjerni fejn dik il-qorti ddikjarat li r-referenza kostituzzjoniali mitluba minn Mary Grech fuq l-istess kawżali hija frivola u vessatorja u ċaħdet it-talba għar-referenza. *In vista* taċ-disposizzjonijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponent jaqbel mal-ewwel qorti u jeċċepixxi illi l-proċedura odjerna hija abbuz sfaċċjat tal-proċeduri ġudizzjarji u dan għaliex l-appellanti, filwaqt li ma rnexxilhiex tidħol mill-bieb, issa qiegħda tittenta li tidħol mit-tieqa.
>
> »Is-suespost ġie ritenut f'sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Mifsud *v.* Avukat Generali *et*</u> deċiża fit-23 ta' Novembru 1990, <u>Nicholas Ellul *v.* Kummissarju tal-Pulizija</u> deċiża fit-22 ta' Mejju 1991, u <u>Alfred Attard *v.* Avukat Ġenerali</u> deċiża fis-6 ta' Mejju 1992. … … …
>
> »… … …
>
> »Tajjeb li jiġi sottolineat ukoll li l-kawża fl-ismijiet <u>Anthony P Farrugia *v. Finanvial Intelligenve Analysis Unit et*,</u> li ġiet imsemmija wkoll mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha, issa giet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 t'Ottubru 2023 fejn ikkonfermat bis-sħiħ dlan it-tagħlim u kkunsidrat is-segwenti:
>
>> »"23. Evidenti li l-leġislaiur ma riedx jagħti dritt ta' appell fejn deċiżjoni taht l-art. 46 ikun iddikjarat li t-tqanqil ta' kwistjoni ikun sempliċemeni frivola jew vessatorja. Għalhekk m'għandux ikun li wara r-rikorreni jagħmel talba identika billi, minflok, jiftaħ kawża kostituzzjonali, fejn ovvjament ser jerġa' jiġi eżaminat il-punt. Dik il-materja ġiet determinata b'mod definittiv fl-istadiu meta r-rikorrenti talab lill-Qorti ial-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza *ai termini* tal-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u art. 4 tal-Kap. 319. Ir-raġunament li għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza fiha nnifisha turi li dik il-qorti kkunsidrat it-talba bħala 'sempliċement frivola jew vessatorja' (art. 46(3) tal-Kostituzzjoni)."
>
> »Fl-ipoteżi li dina l-qorti kellha tilqa' l-appell, hija jkollha tibgħat l-atti lura lill-prim' istanza biex tissokta b'deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti, li skond il-verbali tat-8 u 22 ta' Ġunju 2022 ġiet trattata għall-iskop ta' għotja ta' sentenza preliminari, flimkien mal-eċċezz-jonijiet tal-intimati l-oħra, li effettivament ġew deċiżi. Barra minn hekk, f'dan l-istadju l-esponent ċertament m' għandux ibati l-ispejjeż ta' dan l-appell.«

26. Huwa minnu illi l-Qorti tal-Appell ma qalitx illi l-kwistjoni mqanqla mill-attriċi appellanti hija "sempliċiment" frivola u vessatorja, li kien ifisser – fuq interpretazzjoni x'aktarx formalistika tad-disposizzjoni tal-liġi – illi seta' jsir

appell mid-deċiżjoni li kieku ngħatat minn qorti tal-ewwel grad. Id-deċiżjoni iżda ngħatat mill-Qorti tal-Appell, u m'hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell[2]. Tassew illi l-provvediment dwar ir-referenza ma huwiex sentenza, iżda f'kull każ ma hemmx qorti li tisma' appelli mill-Qorti tal-Appell għax il-Qorti Kostituzzjonali ma hijiex qorti tat-tielet grad.

27. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

28. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata[3].

29. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-appellanti (kif issa rappreżentata missuċċessuri tagħha).

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

[2] Art. 227 Kod. Proċ. Ċiv.

[3] Tassew illi, ladarba l-ewwel qorti qieset ir-rikors li bih inbdiet il-kawża bħala "improponibbli", kellha teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju u mhux tiddeċiedi dwar talbiet magħmula f'rikors "improponibbli" billi tiċħadhom. Dan qiegħed jingħad biss biex ma jinħolqux preċedenti żbaljati, billi la sar appell minn dik il-parti tas-sentenza u lanqas ma għandha effett fuq l-eżitu ta' dan l-appell.